

### Aggravji u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tqajjem żewġ aggravji kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali mogħtija fil-25 ta' Novembru 2014, b'diversi argumenti għal kull aggravju:

- 1) Fl-ewwel aggravju tal-appell, ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 93 sa 149 tas-sentenza appellata billi ħadhet it-talba għal kumpens tar-rikorrenti għad-danni materjali kollha kemm huma, minkejja l-fatt li l-Qorti Ġenerali kienet irrikonoxxiet u ammettiet li r-rikorrenti kienet effettivament sostniet danni materjali minħabba azzjoni serjament illegali tal-Unjoni. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq l-argumenti li ġejjin:
  - is-sentenza ma attribwiet l-ebda kumpens għad-danni kkważati mill-Unjoni u l-uffiċjali tagħha, bi ksur tal-Artikolu 340(2) TFUE u tal-Artikolu 41(3) CFREU, dawn iż-żewġ artikoli jstabbilixxu l-prinċipju tal-“kumpens sħiħ”;
  - Barra minn hekk, billi ma attribwiet l-ebda kumpens għad-danni materjali meta l-eżistenza tagħhom kienet irrikonoxxuta, is-sentenza tikser il-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' eżami ekwu u twestaq ħadha tal-ġustizzja;
  - is-sentenza tikser barra minn hekk il-liġi permezz ta' distorsjonijiet manifesti ta' fatti u ta' provi, u ċ-ħadha tagħha tad-danni kollha tar-rikorrenti hija bbażata fuq raġunament difettuż, illoġiku u kontradittorju.
- 2) Fit-tieni aggravju tal-appell, ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 92 sa 149 tas-sentenza appellata billi qieset li l-għoti ta' EUR 50 000 kien jikkostitwixxi kumpens xieraq. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu tagħha ta' ġustifikazzjoni, il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-prinċipju li jobbligaha tħallas kumpens għad-danni u spejjeż reali, fatt li wassal għal riżultat arbitrarju u illegali.

---

### Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fis-6 ta' Frar 2015 – Sélina Affum (konjuġi Amissah) vs Préfet du Pas de Calais, Procureur général de la Cour d'appel de Douai

(Kawża C-47/15)

(2015/C 118/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Sélina Affum (konjuġi Amissah)

Konvenuti: Préfet du Pas de Calais, Procureur général de la Cour d'appel de Douai

### Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/115/KE <sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li ċittadin ta' Stat terz ikun f'presidenza illegali fuq it-territorju ta' Stat Membru u jaqa', minħabba f'hekk, taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, skont l-Artikolu 2(1) tagħha, meta dan il-barrani jkun jinsab f'sitwazzjoni ta' sempliċi transitu, bħala passiġġier ta' autobus li jiċċirkula fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, bi provenjenza minn Stat Membru ieħor, li jaġhmel parti miż-żona Schengen, u b'destinazzjoni fi Stat Membru differenti?

- 2) L-Artikolu 6(3) ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li din tal-aħħar ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li trażżan id-dħul irregolari ta' ċittadin ta' Stat terz permezz ta' piena ta' priġunerija, meta l-barrani inkwistjoni jkun jista' jittieħed lura minn Stat Membru ieħor, skont ftehim jew arranġament konkluż ma' dan tal-aħħar qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva?
- 3) Skont ir-risposta li ser tingħata għad-domanda preċedenti, din id-direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li trażżan id-dħul irregolari ta' ċittadin ta' Stat terz b'piena ta' priġunerija, skont l-istess kundizzjonijiet bħal daww stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbaban (C-329/11) <sup>(2)</sup>, dwar residenza illegali, fir-rigward tan-nuqqas li l-persuna kkonċernata tiġi suġġetta minn qabel għall-miżuri ta' impożizzjoni msemija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva u dwar it-tul tad-detenzjoni tagħha.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98).

<sup>(2)</sup> EU:C:2011:807

**Appell ippreżentat fis-6 ta' Frar 2015 minn Moreda-Riviere Trefilerías, S.A. mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fil-25 ta' Novembru 2014 fil-Kawża magħquda T-426/10 u T-575/10, u fil-Kawża T-440/12, Moreda-Riviere Trefilerías vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-53/15 P)

(2015/C 118/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

*Appellanti:* Moreda-Riviere Trefilerías, S.A. (rappreżentanti: F. González Díaz u A. Tresandi Blanco, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tal-appellanti

- tannulla, skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Novembru 2014 fil-Kawża magħquda T-426/10 u T-575/10 u fil-Kawża T-440/12, Moreda-Riviere Trefilerías vs Il-Kummissjoni
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kemm ta' dawn il-proċeduri kif ukoll daww sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinwoka aggravju wieħed.

L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-interess ta' Moreda-Riviere Trefilerías, S.A. li tressaq kawża, kemm fir-rikors għal annullament fil-Kawża T-575/10 kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-30 ta' Settembru 2010, li temenda d-Deċiżjoni C(2010) 4387 (finali) dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.344 – Azzar għall-prestressing), kif ukoll fl-adattament tal-motivi tar-rikors u tat-talbiet ifformulati fil-Kawża T-426/10 fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-30 ta' Settembru 2010, li temenda d-Deċiżjoni C(2010) 4387 (finali) dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.344 – Azzar għall-prestressing).